**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Kurt Grima**

Kump Nru: 1212/13

Illum 26 ta' Settembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Kurt Grima ta' 28 sena, bin Mario u Irene nee' Galea, imwieled Pieta' fis-17 ta' Frar 1985, u residenti fil-fond 167, Triq Ghajn Dwieli, Paola u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 138785(M).

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkagunajt fI-10 ta' Mejju 2012 minn gewwa residenza bl-isem ta' Roseville bin-numru 1 Ii tinsab Triq il-Wirt Naturali Naxxar ikkomettejt serq ta' television tal-ghamla Philips u camera tal-ghamla Fuji u ogetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-rnitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro

centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, bil-hin u bil-lok, ghad-detriment ta' Paolo Vella u/jew persuna/i ohra;

2. U aktar talli fil-11 ta' Gunju 2012 bejn is-07:00hrs u 18:00hrs gewwa il-Qasam Industrijali ta' Kordin ikkomettejt serq ta' speakers u oggetti ohra minn go vettura tal-ghamla *Seat Ibiza* bin-numru tar-registrazzjoni IAM829, liema serq hu kkwalifikat bil-valur Ii jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix I-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Joseph John Cesare u/jew persuna/i ohra;

3. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal-marka *Seat Ibiza* bin-numru tar-registrazzjoni IAM829, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin cenetzmu (€1,164.69) imma hija izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Joseph John Cesare u/jew persuna/i ohra;

4. U aktar talli fil-lejl ta' bejn id-9 u 1-10 ta' Ottubru 2008, ghall-habta ta' bejn il-17:00hrs u is-07:50hrs gewwa Triq iI-Katakombi, Marsaskala, ikkomettejt serq ta' stereo tal-ghamla Kenwood minn go vettura tal-ghamla *Mazda* 323 bin-numru tar-registrazzjoni AAJ681, liema serq hu kkwalifikat bil-valur Ii jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u qhoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Josephine Sammut u/jew persuna/i ohra;

5. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal- marka *Mazda* 323 bin-numru tar-registrazzjoni AAJ681, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix elf

mija u erbgha u siitin euro u disgha u sittin cenetzmu (€1,164.69) imma hija izjed minn mija u sittax ll-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Josephine Sammut u/jew persuna/i ohra;

6. U talli ksirt il-provediment tal-Artiklu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D. datata il-11 ta' Jannar, 2007.

7. U talli ksirt il-provediment tal-Artiklu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Antonio G. Vella LL.D. datata it-18 ta' Ottubru, 2007.

8. U talli ksirt il-provediment tal-Artiklu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D. datata il-1 ta' Frar 2011.

9. U aktar talli sirt recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'serq aggravat u bi hsara volontarja fi tlett dati separati, u li konsegwentement kiser tlett ordnijiet ta' probation u kif ukoll li huwa recediv.

Illi qabel ma l-Qorti tinoltra' ruhha fl-imputazzjonijiet separatment irid jigi rilevat li fuq ix-xena tad-delitti gew elevati impronti digitali. Gie nominat l-espert Joseph Mallia u fit-tlett kazijiet instabet impronta digitali tal-imputat li aktar 'il quddiem f'din is-sentenza se ssir referenza ghal fejn instabet.

F'dan l-istadju jehtieg izda li ssir referenza ghal dak li l-Qorti trid izzomm f'mohha meta jinstabu impronti digitali fuq xi xena ta' delitt.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Romeo Bone**[1] tinstab rassenja ta' gurisprudenza dwar impronti digitali :

"Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova".*

*Fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal- Magistrati fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Victor Gatt**, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.*

*Illi fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li:*

[1] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fis-17 ta' Mejju 2016

"f'dak il-kaz il-prova tal-*fingerprints* kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero' hemm kazijiet fejn il-prova tal-*fingerprints* wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza".

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (*vide* Archbold 1997 para 14-97) gie deciz li:

*"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification".*

F'dan l-istadju l-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Spagnol**[2]**.** F'din is-sentenza l-Qorti rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja**[3] fejn inghad

*"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."(Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)".*

Imbaghad il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kompliet hekk:

[2] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza 15 ta' Mejju 2013
[3] Deciza 7 ta' Marzu 2002 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali

*"Illi ghalhekk wiehed jistaqsi, dina l-prova wahedha hija sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien involut f'dina is-serqa? Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta'l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' tal-imputat."*

## L-Ewwel Imputazzjoni

L-imputat qieghed jigi akkuzat li fl-10 ta' Mejju 2012 huwa kkommetta serq ta' televixin u camera minn gewwa residenza bl-isem ta' Roseville fi Triq il-Wirt Naturali, Naxxar liema serq kien ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-€2,329.37, bil-mezz, bil-hin u bil-lok ghad-detriment ta' Paolo Vella.

Illi Paolo Vella minhabba l-istat ta' sahha tieghu ma setax jiddeponi quddiem din il-Qorti. Biss pero' jirrizulta mill-atti senjatament mir-rapport imhejji PS 1131 Justin Camilleri[4] li kienet giet rapportata serqa minn din ir-residenza. Minn dan ir-rapport jirrizulta li kienu nsterqu televixin tal-marka Philips LCD TV 500 series 32 Inch li l-valur tieghu gie indikat bhala €340; kif ukoll camera tal-ghamla Fuji Finepix digital u r-remote controls tat-televixin. L-istess surgent xehed[5] li huwa kien acceda fil-fond u kellem lil Paolo Vella li spjegalu x'kien sab nieqes. B'hekk gie infurmat l-Ispettur Elton Taliana[6]. Minn tali rapport jirrizulta li meta s-Surgent acceda fil-lok gie stabilit li cilindru tal-gass li kien fil-bitha tar-residenza kien tressaq b'tali mod sabiex wiehed jitla' fuq il-hajt.

Xehed ukoll PS637 Kevin Manicolo[7] li kien intalab jaccedi fil-fond u ha hsieb jaghmel ix-xoghol ta' impronti digitali. Huwa spjega li fost il-hafna taqlib u anke sgass irnexxilu jeleva tlett marki ta' impronti minn fuq puggaman tal-gallarija li jaghti ghall-kamra tas-sodda tal-fond[8].

[4] Dok FF6 a fol 41 tal-process
[5] Seduta tal-25 ta' Mejju 2015
[6] Xehed ukoll fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2015
[7] Seduta tal-21 ta' Ottubru 2014
[8] Dok KM a fol 79 tal-process

L-espert Joseph Mallia xehed[9] li wara li gie nnominat mill-Qorti huwa ghamel ezami komparattiv bejn il-lifters ezebiti in atti u l-fingerprints u palmprints ta' Kurt Grima. Mir-rapport tal-istess espert[10] jirrizulta li mil-lifters elevati, wiehed biss kien tajjeb ghall-komparazzjoni u cioe':

*"Illi l-esponent ezamina d-dokument 12 BJJ 302 u ghandu jirrelata illi da nil-lifter jigbor fih impronta digitali zviluppata permezz tal-aluminium powder u elevate permezz ta' lifting tape fuq acitate sheet trasparenti.*

*Illi l-esponent ghamel ezami komparattiv bejn l-impronta li tidher zviluppata u elevate permezz tal-lifter dokument 12 BJJ 302, u l-formola tal-impronti digitali ta' Kurt Grima, detentur tal-karta tal-identita' numru 138785(M) dokument KG1, u rrizulta illi din l-impronta taqbel pozittivament u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-id il-leminija tal-istess Kurt Grima".*

Fl-istqarrija tieghu l-imputat[11] ammetta l-involviment tieghu f'din is-serqa. Huwa qal li kien ircieva telefonata minghand xi hadd u qallu biex imur hdejn din id-dar ghaliex kien dahal fiha u ma kellux biex igorr l-affarijiet. L-imputat qal li huwa mar bil-karozza tieghu, ghadda gewwa ghalqa bil-mixi u tela' gol-verandah ta' din id-dar minn hajt u dak li cempillu newwilu t-televixin flat screen iswed, ghabbieh fil-karozza, il-persuna rikeb mieghu u l-persuna bieghitu €100 u lill-imputat tah €35. L-imputat fin-nota ta' sottomissjonijiet jirreferi ghall-fatt li l-istqarrija ttiehdet wara li huwa ngab direttament mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u huwa rrifjuta li jiehu parir legali. Ma jirrizultax lil din il-Qorti li l-imputat kien affettwat b'dan kollu rilevat. Inoltre' l-imputat ighid li dak li stqarr fl-istqarrija aktar jirreferi ghal kaz iehor deciz milli dan. Il-Qorti tqis li dan mhux korrett ghaliex mill-provi rrizulta li l-ambjenti jikkombacjaw.

Illi minn tali provi prodotti jirrizulta li gie ppruvat li l-imputat kien involut fit-twettiq tas-serqa. Dwar l-aggravju tal-hin ma tressqux prova u dwar l-aggravju tal-valur ma ngabitx ricevuta tal-valur tal-oggetti misruqa biss pero' fil-fehma tal-Qorti m'hemmx dubju li l-valur ta' televixin ta' 32 inch wahdu jiswa aktar minn €232.94.

---

[9] Seduta tal-25 ta' Mejju 2015
[10] Dok JM a fol 65 tal-process
[11] Dok FF1 a fol 29 tal-process

Ghalhekk l-imputat qieghed jinstab hati li wettaq serqa kkwalifikata bil-valur li ma jeccedix l-€2,329.37, bil-mezz u bil-lok izda mhux hati tal-kwalifika tal-hin.

**It-Tieni u t-Tielet Imputazzjonijiet**

L-imputat qieghed jigi akkuzat li fil-11 ta' Gunju 2012 bejn is-7a.m u s-6p.m gewwa l-Qasam Industrijali ta' Kordin ikkommetta serq ta' speakers u oggetti ohra minn go vettura tal-ghamla Seat Ibiza bin-numru ta' registrazzjoni IAM829, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-€2,329.37, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Joseph John Cesare; kif ukoll li volontarjament ghamel hsara fuq l-istess vettura.

**Joseph John Cesare** xehed[12] li huwa kien ipparkja l-karozza tieghu fejn il-fabbriki ta' Kordin u meta mar lura ghall-karozza sab li kienu kisrulu l-hgiega ta' quddiem tan-naha tal-passiggier u serqulu l-ispeakers u zewg pocket CDs. Huwa kien ghamel rapport u kien anki ha l-karozza d-depot ghal fingerprints. Inkwantu ghall-affarijiet li nsterqulu dawn kienu jiswew madwar €250.

PC 1261 Charles Pace xehed u pprezenta r-rapport tieghu[13] minn fejn jirrizulta li huwa ghamel ezamijiet ghal tiftix ta' impronti digitali fuq il-vettura *de quo* u kien eleva tlett lifters li gew dokumentati.

Mir-rapport tal-espert Joseph Mallia[14] jirrizulta li mil-lifters elevati, tnejn biss kienu tajbin ghal komparazzjoni. Wahda mill-impronti elevata wara li giet ikkomparata mal-impronti digitali tal-imputat irrizultat fin-negattiv; mentri l-ohra taqbel. Ghalhekk l-istess espert irrelata s-segwenti:

*"Illi l-esponenti ghamel ezami komparattiv bejn l-impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 12 BSN 202, u l-formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Kurt Grima, detentur tal-karta tal-identita' numru 138785(M) dokument KG2, u rrizulta li din l-impronta hija identika ma' parti mill-marka tal-pala tal-id il-leminija tal-istess Kurt Grima".*

---

[12] Seduta tal-21 ta' Ottubru 2014
[13] Dok CP fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2014
[14] Dok JM a fol 65 tal-process

Mir-rapport ta' PC 1261 Charles Pace jirrizulta li l-impronta li l-espert Joseph Mallia sab li kienet ta' Kurt Grima giet elevata minn fuq il-windbreaker tal-bieba tas-sewwieq.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat stqarr li jiftakar li seraq minn go karozza gewwa l-Industrial Estate ta' Kordin izda minghalih l-karozza kienet Escort. Huwa qal li kemm ilu bil-problema tad-droga seraq minn go karozzi izda ma jiftakarx il-partikolaritajiet tal-kazijiet. Huwa spjega li kien jiftah il-karozzi billi jifqa' hgiega jew jillieva bieba u gieli anki fetah il-lock.

Minn tali provi din il-Qorti hija sodisfatta li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputat kien l-awtur ta' din is-serqa u dan billi fl-istess stqarrija huwa jammetti li seraq karozza minn dik l-akwata u meta imbaghad irrizultat impronta digitali tieghu fuq l-istess karozza u m'hemmx spjegazzjoni ghalfejn din kienet hemm u maghdud ukoll mal-modus operandi li l-istess imputat stqarr li kien juza' ghal tali serq il-provi jippuntaw lejh.

Ghalhekk l-imputat se jinstab hati ta' dawn iz-zewgt imputazzjonijiet. Jigi rilevat li f'dawn il-proceduri ma ngabitx ricevuta attwali tal-hsara li garrab il-parte leza biss pero' m'hemm l-ebda dubju ghal din il-Qorti li l-hsara ikkawzata kienet oltre' €23.29. Ghalhekk se jinstab hati li wettaq hsara volontarja bi ksur tal-artikolu 325(1)(c) u mhux 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

**Ir-Raba' u l-Hames Imputazzjonijiet**

L-imputat jinsab akkuzat li bejn id-9 u l-10 ta' Ottubru 2008 ghall-habta ta' bejn il-5pm u 7.50a.m gewwa Triq il-Katakombi, Marsascala ikkommetta serq ta' stereo tal-ghamla Kenwood minn go vettura tal-ghamla Mazda 323 bin-numru ta' registrazzjoni AAJ681, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Josephine Sammut; kif ukoll li wettaq hsara volontarja fuq l-istess vettura.

Jirrizulta li fl-10 ta' Ottubru 2008, Josephine Sammut marret tirrapporta l-Ghassa li hija kienet ipparkjat il-vettura taghha Reg Nru: AAJ681 quddiem ir-residenza taghha fi Triq il-Katakombi, Marsascala u xi hadd kien sgassalha l-bieb ta' wara tan-naha tax-xellug u nsterqilha stereo tal-ghamla Kenwood li meta kienet xtratu kien jiswa madwar €466. Meta xehdet qalet li kienet xtratu madwar LM300 izda ma pprezentat ebda ricevuta. Hija qalet li kienet ipparkjat il-vettura taghha l-gurnata ta'qabel ghall-habta tal-5p.m u sabitha sgassata filghodu fis-7.50a.m[15]. Is-sinjura Sammut qalet li kienet marret bil-karozza d-depot ghall-fingerprints[16].

PS680 Colin Sheldon xehed[17] li huwa ezamina l-vettura u eleva xi impronti digitali minn fuq il-vettura inkwistjoni. Huwa pprezenta r-rapport tieghu[18].

Mir-rapport tal-espert Joseph Mallia[19] jirrizulta li mil-lifters elevati, wiehed biss kien tajjeb ghall-komparazzjoni u cioe':

*"Illi l-esponent ezamina d-dokument 08 CFS 301 u ghandu jirrelata illi dan il-lifterjigbor fih impronta digitali zviluppata permezz tal-aluminium powder u elevata permezz ta' lifting tape fuq acitate sheet trasparenti.*

*Illi l-esponent ghamel ezami komparattiv bejn l-impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 08 CFS 301, u l-formola tal-impronti digitali ta' Kurt Grima, detentur tal-karta tal-identita' numru 138785(M) dokument KG1, u rrizulta illi din l-impronta taqbel pozittivament u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-werrej tal-id il-leminija tal-istess Kurt Grima".*

Mir-rapport ta' PS680 Colin Sheldon jirrizulta li l-lifter 08 CFS 301 gie elevat minn fuq il-frame tal-bieba, naha tax-xufier, minn barra.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat qal li ghalkemm jista' jkun li kien involut f'din is-serqa izda ma ftakarx.

[15] Dok FF4 a fol 33 tal-process
[16] Seduta tal-24 ta' Gunju 2015
[17] Seduta tal-21 ta' Ottubru 2014
[18] Dok CS a fol 69 tal-process
[19] Dok JM a fol 65 tal-process

Illi l-impronti digitali tal-imputat instabu fuq il-bieba tax-xufier minn barra. Illi tenendo kont tal-insenjamenti fuq riportati, fil-fehma tal-Qorti tali prova fin-nuqqas ta' korroborazzjoni sufficjenti ma tista' qatt twassal lil dina l-Qorti ghal konvinciment morali illi l-imputat kien il-malvivent li kkommetta l-istess serqa jew hsara volontarja. Illi ghalhekk certament jezisti ness bejn l-imputat u l-presenza tieghu vicin il-vettura f'xi mument izda dan mhux necessarjament ghaliex kien huwa li kkommetta r-reat. Ghaldaqstant tali prova ma tistabilixxi l-ebda ness bejn l-imputat u s-serqa inkwistjoni.

Ghalhekk l-imputat mhux se jinstab hati ta' tali imputazzjonijiet.

**<u>Is-Sitt, is-Seba' u t-Tmien Imputazzjonijiet</u>**

Permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet l-imputat qieghed jigi akkuzat li kiser tlett ordnijiet ta' probation.

Fil-verbal tas-seduta tal-24 ta' Gunju 2015, l-ufficjali prosekuturi ddikjaraw li l-imputazzjonijiet numri sitta u seba' l-imputat diga' gie trattat dwarhom b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Settembru 2009.

Imbaghad fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni gie wkoll rilevat li inkwantu ghat-tmien imputazzjoni, l-imputat gie trattat dwarha pemezz ta' sentenza tal-1 ta' Marzu 2017 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Ghalhekk il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess imputazzjonijiet.

**<u>L-Addebitu tar-Recediva</u>**

Illi l-prosekuzzjoni ezebiet erba' sentenzi:

- Dok JG1[20] - vera kopja fotostatika ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-18 ta' Gunju 2009 li inghatat fil-konfront ta' Kurt Grima fejn gie kkundannat sentejn prigunerija. Il-konnotati huma identici ghal dawk tal-imputat odjern.
- Dok JG2[21] - vera kopja fotostatika ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fl-1 ta' Frar 2011 li inghatat fil-konfront ta' Kurt Grima fejn tpogga taht ordni ta' probation. Il-konnotati huma identici ghal dawk tal-imputat odjern. Biss pero' billi probation mhix kundanna din is-sentenza ma tistax tigi kkunsidrata ai fini ta' recediva.
- Dok JG3[22] - vera kopja fotostatika ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fil-25 ta' Frar 2008 li inghatat fil-konfront ta' Kurt Grima fejn gie kkundannat sena prigunerija. F'din is-sentenza hemm biss indikata d-data tat-twelid li hija identika ghal dik tal-imputat odjern.
- Dok JG4[23] - vera kopja fotostatika ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fl-14 ta' Settembru 2009 li inghatat fil-konfront ta' Kurt Grima fejn gie kkundannat tmintax-il xahar prigunerija. Il-konnotati huma identici ghal dawk tal-imputat odjern.

Illi abbazi ta' tali provi jirrizulta li l-addebitu tar-recediva huwa wkoll ippruvat, inkluz dak fit-termini tal-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali billi l-imputat diga' instab hati diversi drabi fuq serq.

**Piena**

Illi inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati u l-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja. Tqis li ghalhekk l-imputat ghandu jigi kkundannat ghal prigunerija effettiva.

[20] A fol 116 tal-process
[21] A fol 130 tal-process
[22] A fol 133 tal-process
[23] A fol 135 tal-process

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tar-raba' u l-hames imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah, u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitta, seba' u tmien imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 261(b)(c)(e)(g), 263, 267, 269(g), 271(g), 278(3), 279(a), 289 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet b'dan li l-imputat mhux qieghed jinstab hati tal-kwalifika tal-hin fl-ewwel imputazzjoni u inkwantu ghat-tielet imputazzjoni qieghed jinstab hati fit-termini tal-artikolu 325(1)(c) u mhux 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali u tikkundannah ghal tletin (30) xahar prigunerija.

Inoltre' ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati jhallas l-ammont ta' disa' mija u erba' u sebgha u disghin centezmu (€904.97) rapprezentanti hlas tal-espert nominat.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**